MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 307/2009

**A B**

**-vs-**

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Huwa zzewweg lil C D B fit-28 ta’ Jannar 1991, fil-Knisja ta’ Ghar ta’ San Martin, il-Wardija, skond kif jidher fic-certifikat taz-zwieg hawn mehmuz u mmarkat bhala Dok. DS1.

Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, E li twieldet fit-3 ta’ Lulju 1994 u F li twieled fit-18 ta’ Settembru 1997.

Il-kunsens tal-attur kien ivvizzjat minn simulazzjoni parzjali minhabba l-eskluzjoni tal-permanenza taz-zwieg ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u inabilita' li jaqdu d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha min-naha taz-zewg partijiet ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konjugi ltaqghu gewwa l-Ingilterra fejn l-intimata kienet qed tistudja. F'dak iz-zmien hija kienet qed tistenna l-annullament taz-zwieg taghha ma' G H, l-ewwel ragel taghha li nghata mit-Tribunal Ekklezjastiku ta' Birmingham fit-8 ta' Gunju 1989. Il-partijiet bdew johorgu flimkien u wara madwar 18-il xahar, l-intimata rritornat Malta u l-attur baqa' gewwa l-Ingilterra ghal sena. Wara sena, l-attur irritorna Malta, fejn il-partijiet ghexu flimkien ghal sena u nofs qabel ma zzewgu f'Jannar tal-1991. Huma ghamlu separazzjoni bonarja fl-24 ta' Awissu 1995.

L-attur mhux Kattoliku u ghalih id-divorzju huwa pass naturali jekk iz-zwieg ifalli. Ghalkemm huwa xtaq li z-zwieg taghhom jirnexxi, qatt ma kkunsidra l-permanenza taz-zwieg – l-attur qatt ma ried rabta permanenti u ghalih ma kien ifisser xejn illi kien ser jizzewweg bil-Knisja ghaliex huwa mhux mghammed. Il-genituri tieghu stess keinu ghaddejjin minn divorzju dak iz-zmien u dejjem assuma li huwa jista' jaghmel hekk jekk ma jkunx ferhan fiz-zwieg tieghu. Ghalkemm l-intimata hija Kattolika, hija kienet taf mill-bidu tar-relazzjoni illi l-attur ma kienx Kattoliku u jiehu l-kuncett ta' divorzju *for granted*.

Meta zzewgu, l-attur prova jaddatta ghas-sitwazzjoni ghaliex huwa facilment jaddatta ghac-cirkostanzi. L-attur kien ghadu immatur hafna f'dak iz-zmien u ma fehemx ir-responsabilitajiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg. Huwa kellu 26 sena u l-intimata kienet tmien snin ikbar minnu.

Qabel ma zzewgu, meta kienu qed joqoghdu flimkien, l-attur innota certa elementi fil-karattru taghha li kienu difficli ghalih li jittollera, l-iktar il-karattru aggressiv taghha u l-fatt li kienet tirrabja malajr. Minkejja f'dan, l-attur dejjem

ipprova jevita konflitti maghha u ghalhekk huwa accetta l-pjanijiet taghha sabiex jizzewgu.

Meta zzewgu, il-karattru tal-intimata hareg car – hija kienet dejjem issib ruhha f’xi argument mal-attur jew ma’ membri tal-familja taghha jew mal-girien. Kienet saret kwazi impossibli li l-attur jibni xi forma ta’ relazzjoni ta’ mhabba ma’ martu, imma kien jipprova ma jaqlax argumenti. Wara t-twelid tat-tieni tarbija, l-attur sab xoghol barra minn Malta u beda jivvjagga spiss. Huwa haseb li l-affarijiet ser jikkalmaw u s-sitwazzjoni titjieb, izda l-affarijiet marru ghall-aghar u kienu jispiccaw iduru cirku mal-problemi li kellhom. L-attur ma setax jghix iktar mal-intimata minhabba d-differenzi fil-karattri taghhom.

L-attur ma setax jittollera l-karattru tal-intimata l-iktar ghaliex ma seta’ jibni l-ebda relazzjoni maghha minhabba l-aggressivita’ taghha u l-fatt li kien kontinwament taqla’ l-argumenti. Ghalhekk iddecieda li kellu jissepara. F’Mejju tal-2005, il-partijiet ma baqghux jghixu flimkien u sena wara ghamlu separazzjoni bonarja.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg tat-28 ta’ Jannar 1991 bejn A B u C D B huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-ligi, u dan minhabba:

1. Simulazzjoni parzjali min-naha tal-attur ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha min-naha taz-zewg partijiet ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D B, li in forza taghha, eccepiet:

Illi meta l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg, il-konvenuta kienet diga' ghaddiet minn trawma ta' nullita' tal-ewwel zwieg taghha, u ghalhekk kienet gharrfet lill-attur illi hija riedet iz-zwieg Kattoliku minhabba li riedet li z-zwieg taghhom ikun permanenti;

Illi hija ma kinitx taf li l-kunsens tal-attur, ghalhekk, kien vizzjat, u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghall-provi ta' dina l-Onorabbli Qorti fuq bazi tal-provi;

Illi jekk il-kunsens tal-attur kien vizzjat, dana zgur ma jistax jigi imputat lill-konvenuta: il-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin ghal tliet snin meta zzewgu, u ghexu flimkien ghal sena u nofs qabel ma zzewgu. Ghalhekk l-attur ma jistax jghid li jekk il-kunsens tieghu kien ivvizzjat dan kien minhabba xi kwalita' fil-karattru tal-konvenuta;

Illi ghalhekk huwa xieraq li l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, irrispettivament mill-ezitu, ghandhom jigu mhallsa mill-attur.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-konvenuta tirrimetti ruhha ghall-gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti, it-talba ta' l-ispejjez ghandha tigi michuda, u l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Rat l-affidavit prezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attur, li permezz taghha iddikjara illi jcedi t-tieni talba ghall-annullament taht Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirregola ruhu ahjar dwar din it-talba, izda jzomm l-ewwel talba ghall-annullament minhabba s-simulazzjoni tal-kunsens tieghu ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza ltaqghu fl-Ingilterra. F'dak iz-zmien jirrizulta li l-intimata kienet qed tistenna l-ezitu ta' proceduri ta' annullament tal-ewwel zwieg taghha. Xi zmien wara li giet lura Malta, gie Malta ukoll ir-rikorrenti u huma ghexu flimkien ghal xi sena u nofs qabel ma zzewgu f'Jannar 1991. Miz-zwieg twieldu zewgt itfal. Il-partijiet isseparaw fl-2006. Ir-rikorrenti issa qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita' a tenur tal-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti jsejjes l-argumenti tieghu fuq il-fatt li huwa dejjem emmen fil-possibilita' ta' divorzju f'kaz li z-zwieg ma jirnexxix.

Ingabu lill-Qorti provi mhux kontradetti li fil-fatt hekk kienet il-fehma tieghu. Din il-Qorti, madanakollu, hi tal-fehma li l-fatt ta' possibilita' ta' divorzju u t-twemmin ta' persuna fil-possibilita' li r-rabta taz-zwieg tinhall fiha nnifisha ma tirrendix vizzjat il-kunsens ghaz-zwieg. Kien ikun vizzjat il-kunsens li kieku l-istess rikorrenti ffissa limitu ta' zmien li tulu kellu jipperdura z-zwieg. Dan ma kienx il-kaz. Ma hemmx prova li r-rikorrenti ghazel li jizzewweg ghall-perjodu definit. Huwa jghid hekk: "*I went into marriage with the intention of making it last as long as possible but that if we couldn't make it work there was nothing permanent.*" Din id-dikjarazzjoni ma tammontax, fil-fehma tal-Qorti, ghall-eskluzjoni kontemplata fl-Art. 19 (1) (f).

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali). Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta'*

*matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

Ara ukoll "**Muscat vs Borg Grech noe**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awissu, 1995.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------